MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-23 ta' Marzu, 2007

Appell Kriminali Numru. 180/2006

**Il-Pulizija**

**v.**

**Natalina sive Nathalie Mifsud**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Natalina sive Nathalie Mifsud talli:

1) Fl-20 ta' Settembru 2001, ghall-habta tal-hdax ta' filghodu, f'H'Attard, ikkommettiet serq ta' frames tar-ritratti mill-fond 'Roseville' sitwat fi Triq is-Sienja, liema serq huwa kkwalifikat bil-lok u l-mezz, u li sar ghad-detriment ta' Ronald Sultana;

2) Nhar il-5 ta' Lulju 2002 u matul l-ghaxar xhur ta' qabel xjentement b'kull mod li jkun, laqghet ghandha jew

xtrat hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwisati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, indahlet biex tbieghhom jew tmexxihom;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-8 ta' Mejju 2006 li permezz taghha dik il-Qorti ddikjarat lill-imsemmija Natalina sive Nathalie Mifsud mhux hatja tal-imputazzjonijiet kif addebitati fil-konfront taghha u lliberatha minnhom, pero` ordnat lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jiehu konjizzjoni tar-rapport tal-psikjatra Doctor Joseph Spiteri pprezentat fl-atti sabiex a bazi ta' l-istess u in lineja ma' dak li jipprovdu l-artikoli (14)(1)(2) u 15 tal-Kap. 262 tal-Ligijiet ta' Malta jara li l-appellanti (allura imputata) tigi nvistata minn tabib bil-ghan li din tigi ammessa minnufih b'ordni ta' emergenza fl-Isptar Monte Karmeli, u ordnat li kopja tas-sentenza flimkien ma' kopja tar-rapport psikjatriku jigu komunikati lill-Kummisarju tal-Pulizija u lid-Direttur ta' l-Isptar Monte Karmeli;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-Avukat Generali pprezentat fit-22 ta' Mejju 2006 li permezz taghha talbet li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn illiberat lil Natalina sive Nathalie Mifsud mit-tieni imputazzjoni u tirrevokaha f'dik il-parti fejn illiberatha mill-ewwel imputazzjoni, u minflok issibha hatja ta' din l-ahhar imputazzjoni u tinfliggi l-piena skond il-ligi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravju ta' l-appellant Avukat Generali jirrigwarda l-fatt li l-appellata giet illiberata mill-ewwel imputazzjoni meta, skond hu, kellha tinsab hatja. Jghid illi kien biss apprezzament zbaljat tal-provi u enuncjazzjoni zbaljata ta' l-ipotesi tal-ligi f'dan il-kaz li wassal lill-ewwel Qorti tillibera lill-appellata minn dik l-imputazzjoni. L-appellant

imbaghad jghaddi biex jaghmel is-segwenti sottomissjonijiet fir-rikors ta' appell tieghu:

"Issa huwa pacifiku, kif anke gie accettat mill-Qorti tal-Magistrati fis-sentenza taghha, li l-lukru mehtieg ghad-delitt ta' serq jista' jikkonsisti anki fi kwalunkwe tgawdija, pjacir jew soddisfazzjon li l-halliel jipprokura lilu nnifsu bil-haga misruqa (b'referenza ghas-sentenza tal-Qorti Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v. James Chetcuti**, 3 ta' April 1943 – Kollez. XXXI.iv.500).

Fis-sentenza tal-Qorti Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Pawlu Scicluna et** (9 ta' Dicembru 1944 – Kollez. XXXII.iv.814) intqal hekk fir-rigward ta' l-*animus furandi* rikjest fir-reat tas-serq:

'*Bil-kelma <u>lucro</u> wiehed ma ghandux jifhem biss lokupletazzjoni venali, jew borswali, imma kwalunkwe vantagg, kwalunkwe sodisfazzjon, kwalunkwe utili, pjacir, beneficcju, jew kommodu, li l-hati jkollu fi hsiebu li jipprokura'* (p.820).

L-istess fis-sentenza tal-Qorti Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Carmelo Felice** (10 ta' Jannar 1942 – Kollez. XXXI.iv.458) – citata anke mill-Qorti tal-Magistrati fis-sentenza appellata – intqal hekk:

*'Fuq id-dolo specifiku ghar-reat tas-serq, jigifieri l-iskop tal-lukru, skond id-dottrina huwa bizzejjed li dak il-lukru jkun potenzjali jew possibbli; u l-Impallomeni (Commento al Codice Penale Italiano, Vol. IV, p.14, no. 1843) jghid li 'per lucro e profitto del furto si intende non soltanto il lucro personale che puo` ritrarsi dalla cosa rubata vendendola, oppure un effettivo aumento del patrimonio del ladro, ma qualunque godimento o piacere, qualunque sodisfazione procurata a se stesso, onde anche chi rubi per denaro o chi sottragga per mero diletto artistico un'opera d'arte, anche lasciando al proprietario il prezzo od altro oggetto di pregio equivalente o superiore, e` responsabile'* (p. 460)."

L-appellant imbagħad jirreferi għall-istqarrija ta’ l-appellata mnejn isostni toħrog ċara l-intenzjoni tagħha li tieħu s-sodisfazzjon li tintimida lid-derubati b’mod li jkunu konsapevoli li xi ħadd iridilhom il-ħsara. Skond l-appellant, tali godiment, pjaċir jew sodisfazzjon ġie dejjem meqjus bħala li jikkostitwixxi d-*dolo* meħtieġ għall-konsumazzjoni tar-reat ta’ serq. Il-bran li għalih jirreferi l-appellant huwa s-segwenti:

“M. Int għalfejn ħadthom dawn il-frames u r-ritratti?
R. Jiena ridtu jsib il-bieb miftuħ u jsib xi ħaġa nieqsa ħalli jieħu qata’ u jgħid xi ħadd daħal.
M. Għalfejn ridthom jieħdu qata’?
R. Għax ridt nurihom li jew joqogħdu kwieti jew hemm xi ħadd iridilhom il-ħsara.”

Fis-sentenza tagħha l-ewwel Qorti, wara li għaddiet in rassenja l-provi, qalet li l-appellata (allura imputat) ħadet xi ħames *frames* mid-dar ta’ Ronald Sultana u rritornathom ftit wara miksurin, filwaqt li żammet ir-ritratti li kienu fil-*frames*. Hija għalhekk waslet għall-konkluzjoni li kien hemm reati oħra li setgħu ġew addebitati lill-appellata, fosthom id-dħul mhux permess fil-proprjeta` ta’ terzi, ħsara volontarja u anke li qalet kliem baxx u oxxen. Inoltre interpretat il-bran imsemmi bħala li l-appellata ma kellhiex l-intenzjoni li tagħmel “xi gwadann ta’ materjal u lanqas b’mod ieħor”.

Din il-Qorti kienet tasal biex taqbel ma’ l-ewwel Qorti u ma’ l-abbli difensur ta’ l-appellata li kieku rriżulta li l-appellata ħadet il-*frames* in kwistjoni u ddistruġġiethom minnufih, jew kieku rriżulta li l-appellata kellha diga` l-intenzjoni li tiddistruġġihom fil-mument li ħaditħom. Iżda dan ma jirriżultax. Anzi mill-provi jirriżulta li kien biss ħames xhur wara (fl-20 ta’ Frar 2002) li l-imsemmi Ronald Sultana sab il-*frames* imkissrin ġo borża tal-plastik imdendel mal-bieb ta’ barra tar-residenza tiegħu u ritratt minnhom sabu mqatta’ biċċiet mal-bieb fl-4 ta’ Lulju 2002. Ir-ritratti l-oħra nstabu mill-Pulizija fir-residenza ta’ l-appellata <u>fl-istat originali tagħhom</u>. Mill-istqarrija tagħha stess inoltre jirriżulta li kien biss “żmien wara” li kienet

kissret il-*frames*. Jigifieri ma kinitx iffurmat l-intenzjoni li tkisser jew tqatta' r-ritratti meta hadithom. Konsegwentement is-sodisfazzjon li l-appellata tammetti li dderivat bit-tehid ta' l-oggetti msemmija jissodisfa l-element mehtieg ta' l-*animus lucrandi*.

Il-punt l-iehor sollevat mill-Avukat Generali jirrigwarda l-kwistjoni tal-valur. Jghid illi l-ewwel Qorti ghamlet enuncjazzjoni inkompleta ta' l-ipotesi tal-ligi u apprezzament zbaljat tal-provi meta kkonkludiet li r-ritratti, ghalkemm seta' kellhom valur sentimentali, ma kellhomx valur monetarju jew patrimonjali. L-appellant jghid illi fit-teorija accettata dwar il-kwistjoni tal-valur tas-serq, anki ammont zghir hafna huwa bizzejjed. Jirreferi ghall-gurista Carrara li jghid li *"purche` un qualche valore ci sia, per quanto minimo, e` sempre furto"*. U jkompli:

"Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Alfred Camilleri** (20 ta' Settembru 1996), il-Qorti ta' l-Appell Kriminali ccitat b'approvazzjoni sentenza tal-Cassazione Taljana (1942) fejn intqal hekk:

*'Non puo` parlarsi di <u>res nullius</u> sino a che il proprietario mantiene la suo cosa nella sfera patrimoniale e sotto la sua sorveglianza e tutela, nulla rilevando l'entita` maggiore o minore della cosa in relazione al patrimonio del dannegiato.'*

Apparti dak li qalet il-Qorti tal-Cassazione Taljana, ma jistax ikun hemm dubju li ritratt ghandu certa valur. Il-fatt li oggett – f'dan il-kaz xi hames ritratti – jkollu valur sentimentali ma jwassalx necessarjament ghall-konkluzjoni li dak ir-ritratt m'ghandux valur monetarju, zghir kemm hu zghir. Huwa proprju ghalhekk li l-ligi tikkontempla erba' pieni differenti skond il-valur ta' l-oggett (artikoli 279(b), 279(a), 285 u 285 proviso)."

Din il-Qorti taqbel mas-sottomissjonijiet ta' l-Avukat Generali peress illi, anke jekk wiehed iqis ir-ritratti biss, dawn ukoll ghandhom valur monetarju, minimu kemm hu minimu. Maghhom irid jigi kkunsidrat ukoll il-valur tal-*frames*.

Konsegwentement l-appell ta’ l-Avukat Generali jimmerita li jigi milqugh.

Kwantu ghall-piena, wara li din il-Qorti rat il-fedina penali aggornata ta’ l-appellata mnejn jirrizulta illi b’sentenza tal-5 ta’ Mejju 1999 l-appellata kienet inghatat *conditional discharge* ghal perijodu ta’ sitt xhur wara li giet dikjarata hatja li ghamlet hsara volontarja fuq vettura li tammonta ghal aktar minn Lm50 izda mhux aktar minn Lm500, u wara li rat ir-rapport tal-psikjatra Dr. Joseph Spiteri li qal li l-appellata ghandha disturb psikjatriku akut u ghandha bzonn il-kura regolari, anke billi tigi rikoverata l-Isptar Monte Carmeli, sejra taghtiha *conditional discharge* u tikkonferma l-kumplament tas-sentenza appellata.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa’ l-appell, tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokaha in kwantu ma sabitx lill-appellata hatja ta’ l-ewwel imputazzjoni u minflok issibha hatja ta’ dik l-imputazzjoni u, wara li rat l-artikoli 261(b)(e), 264, 269(g) u 278(1)(2) tal-Kap. 9, tilliberaha bil-kondizzjoni li ma taghmilx reat iehor ghal zmien sena millum skond l-artikolu 22 tal-Kap. 446 u tikkonferma s-sentenza appellata fil-kumplament.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------